



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 7 ta' Diċembru 2020
(OR. en)

13571/20

COPS 431
CIVCOM 181
POLMIL 187
CFSP/PESC 1063
CSDP/PSDC 600
RELEX 963
JAI 1054

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.: Suġġett:	13438/20 COPS 424 CIVCOM 179 POLMIL 182 CFSP/PESC 1047 CSDP/PSDC 593 RELEX 939 JAI 1037 Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Patt dwar id-Dimensjoni Ċivili tal-PSDK

Id-delegazzjonijiet isibu fl-Anness il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Patt dwar id-Dimensjoni Ċivili tal-PSDK, kif adottati mill-Kunsill fil-laqgħa tiegħu li saret fis-7 ta' Diċembru 2020.

**KONKLUŻJONIJIET TAL-KUNSILL
DWAR IL-PATT DWAR ID-DIMENSJONI ĊIVILI TAL-PSDK**

1. Il-Kunsill jenfasizza l-kontribut ewlieni tal-missjonijiet ċivili kollha tal-PSDK għall-paċi u s-sigurtà internazzjonali u jesprimi l-gratitudni tiegħu lejn l-irġiel u n-nisa li jservu f'dawn il-missjonijiet.
2. Il-Kunsill ifakkar fl-adozzjoni tiegħu tal-Patt dwar id-Dimensjoni Ċivili tal-PSDK, flimkien mar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri, imlaqqgħin f'ħdan il-Kunsill, f'Novembru 2018, u jafferma mill-ġdid l-impenn tiegħu biex il-PSDK ċivili ssir aktar kapaċi, aktar effettiva, flessibbli u reattiva, kif ukoll aktar magħquda.
3. Il-Kunsill ifaħħar il-progress ġenerali pożittiv li sar fl-implimentazzjoni tal-Patt dwar id-Dimensjoni Ċivili tal-PSDK matul l-aħħar sena, kemm fil-livell nazzjonali mill-Istati Membri, inkluż permezz tal-ħolqien ta' Ċentru Ewropew ta' Eċċellenza għall-Maniġġar Ċivili ta' Kriżijiet, kif ukoll fil-livell tal-UE mis-SEAE u s-servizzi tal-Kummissjoni. Il-Kunsill jenfasizza l-importanza li tiġi żgurata implimentazzjoni sħiħa u koerenti tal-impenji kollha fil-Patt u jtenni li din hija prijorità ġenerali.
4. Il-Kunsill jenfasizza r-rwol importanti tal-PSDK ċivili fl-approċċ integrat tal-UE għall-konflitti u l-kriżijiet esterni u biex jittieħed kont tal-ħtieġa li jissaħħu s-sinerġiji bejn is-sigurtà interna u esterna, bejn is-sigurtà u l-iżvilupp, inkluż permezz ta' rabta bejn id-drittijiet tal-bniedem, l-istat tad-dritt, il-governanza tajba, ir-rispett għad-dritt internazzjonali u l-appoġġ għar-Riforma tas-Settur tas-Sigurtà (RSS), kif ukoll bejn id-dimensjonijiet ċivili u militari tal-PSDK. Jenħtieġ li l-isforzi jikkontribwixxu wkoll biex jintlaħaq il-livell ta' ambizzjoni tal-UE u t-tliet prijoritajiet strateġiċi tagħha kif maqbula mill-Kunsill f'Novembru 2016, filwaqt li jitqiesu wkoll it-tagħlimiet ewlenin kollha identifikati mill-kriżi tal-COVID-19.

5. Il-Kunsill ifakkar li, filwaqt li tibni fuq l-analiżi tat-theddid u kontribut tematiku possibbli ieħor, il-Boxxla Strateġika ser tiddefinixxi orjentazzjonijiet ta' politika u għanijiet u objettivi speċifiċi fil-qasam tas-sigurtà u d-difiża, inkluż dwar id-dimensjoni ċivili tal-PSDK u abbażi tal-Patt dwar id-Dimensjoni Ċivili tal-PSDK. F'dan ir-rigward huwa jissottolinja li l-kontribut li l-PSDK ċivili tista' tagħti fir-rispons għal theddid u sfidi ġodda u emerġenti ser jiġi indirizzat fil-ħidma li għaddejja dwar il-Boxxla Strateġika.
6. Il-Kunsill jilqa' l-impenn qawwi mill-partijiet ikkonċernati kollha matul il-Konferenza ta' Rieżami Annwali tal-Patt dwar id-Dimensjoni Ċivili tal-PSDK (ARC), li saret fit-23 ta' Novembru 2020, biex il-Patt jitwettaq bis-sħiħ malajr kemm jista' jkun, u mhux aktar tard mill-bidu tas-sajf tal-2023.
7. Il-Kunsill jilqa' l-eżiti tal-ARC, inkluż l-istadji ssuġġeriti għall-2021. Dawn l-istadji jirrikonoxxu l-konnessjonijiet inkroċjati bejn iż-żoni differenti tal-Patt u jiggwidaw it-triq 'il quddiem għas-sena li ġejja. Il-Kunsill itenni l-ħtieġa għal rispons, effettività u reżiljenza akbar filwaqt li jitkompla jiġi żgurat użu rapidu, flessibbli u effiċjenti tal-baġit tal-PESK u tiżdied il-viżibbiltà tal-PSDK ċivili kif ukoll jiġu intensifikati l-isforzi biex jissaħħu s-sħubijiet ta' benefiċċju reċiproku mal-organizzazzjonijiet internazzjonali u l-pajjiżi sħab rilevanti li jikkondividu l-valuri u l-objettivi tal-UE b'rispett sħiħ għall-qafas istituzzjonali tal-UE.
8. Il-Kunsill jenfasizza l-ħtieġa li d-drittijiet tal-bniedem u l-kwistjonijiet tal-ġeneru jiġu integrati fl-attivitajiet kollha b'kont sħiħ meħud tal-UNSCR 1325 dwar in-Nisa, il-Paċi u s-Sigurtà u r-risoluzzjonijiet sussegwenti. Il-Kunsill jappoġġa wkoll l-iżvilupp ta' kunċetti rilevanti dwar l-isfidi identifikati għas-sigurtà, kif ukoll l-indirizzar ta' dawk, fost l-oħrajn permezz ta' innovazzjonijiet teknoloġiċi f'kooperazzjoni mal-atturi rilevanti fil-qasam tar-Riċerka, Żvilupp u Innovazzjoni (RŻI). Huwa jappella għall-promozzjoni ta' approċċ integrat u għal aktar kooperazzjoni mill-qrib u sinerġiji bejn lil-PSDK ċivili u l-atturi tal-ĠAI kif ukoll is-servizzi tal-Kummissjoni, f'konformità mal-mandati legali rispettivi tagħhom.

9. F'konformità mal-Patt, u sabiex jiggwida l-implimentazzjoni tiegħu fl-2021 mill-Istati Membri, mis-SEAE u mis-servizzi tal-Kummissjoni, il-Kunsill japprova l-istadji identifikati matul l-ARC, inkluż b'mod partikolari iżda mhux b'mod eżawrjenti l-azzjonijiet li ġejjin:
- L-Istati Membri jkomplu jimplimentaw b'mod attiv il-Pjanijiet ta' Implimentazzjoni Nazzjonali tagħhom inkluż permezz ta' skambju informali tal-esperjenzi u t-tagħlimiet meħuda, bil-ħsieb li jżidu aktar il-kontributi tagħhom għall-PSDK ċivili u biex iżidu b'mod kollettiv l-għadd ta' esperti ssekondati fil-missjonijiet. Strutturi u faċilitajiet nazzjonali jew multinazzjonali, inkluż iċ-Ċentru Ewropew ta' Eċċellenza għall-Maniġġar Ċivili ta' Kriżijiet kif adatt, jistgħu jipprovdu appoġġ fejn maqbul u b'mod inklużiv b'komplementarjetà sħiħa mal-istrutturi eżistenti tal-UE u b'appoġġ għalihom;
 - Is-SEAE u s-servizzi tal-Kummissjoni, ser jappoġġaw fejn adatt lill-Istati Membri fil-ħidma ulterjuri tagħhom biex jiżviluppaw u jipprovdu l-kapaċitajiet, il-mezzi u l-kompetenzi meħtieġa biex l-Unjoni twettaq il-firxa sħiħa ta' missjonijiet ta' maniġġar ċivili ta' kriżijiet;
 - L-esperti nazzjonali jirċievu taħriġ qabel missjoni u waqtha f'konformità mal-Politika ta' Taħriġ tal-PSDK u l-gwida mogħtija wkoll mill-Grupp ta' Taħriġ Ċivili tal-UE biex jissaħħu l-kooperazzjoni u s-sinerġiji fit-taħriġ fil-livell tal-UE, inkluż taħriġ fil-lingwa rilevanti għall-missjoni u l-użu ta' mini-kunċetti rilevanti biex jgħinu fl-identifikazzjoni ta' ħtiġijiet speċifiċi ta' taħriġ fi sfidi ġodda għas-sigurtà, f'kooperazzjoni mal-fornituri rilevanti tat-taħriġ kif adatt u b'appoġġ mis-SEAE u s-servizzi tal-Kummissjoni;
 - Il-maniġġar tar-riżorsi umani ser jissaħħa u l-proċessi ser isiru aktar trasparenti u effiċjenti, inkluż billi jiġi permess żvilupp aktar strateġiku tal-kompetenzi ċivili, billi fost l-oħrajn jiġu rieżaminati l-politika ta' rekrutaġġ tas-SEAE u l-proċeduri għall-missjonijiet, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri, u jiġi rieżaminat l-istatus tal-impjeg tal-persunal internazzjonali kkuntrattat;
 - Huwa promoss ambjent ta' ħidma favorevoli f'missjonijiet ċivili tal-PSDK, inkluż sforzi biex jissaħħu t-tmexxija, it-taħriġ u l-miżuri preventivi kif ukoll ir-rieżami tal-Kodiċi ta' Kondotta u ta' Dixxiplina;

- L-Istati Membri, is-SEAE u s-servizzi tal-Kummissjoni jippromwovu u jinkoraġġixxu teħid ta' deċiżjonijiet operazzjonali aktar rapidu għal missjonijiet ċivili u jissimplifikaw fejn possibbli l-passi ta' ppjanar u ta' teħid ta' deċiżjonijiet u ser isaħħu aktar il-kapaċità ta' rispons, f'konformità mal-approċċ b'diversi livelli u l-Kapaċità Bażika ta' Rispons;
- Ser jiġu proposti modalitajiet possibbli għall-evalwazzjoni tal-impatt operazzjonali tal-missjonijiet, b'kont meħud tal-isforzi preċedenti rilevanti;
- L-Istati Membri, is-SEAE u s-servizzi tal-Kummissjoni għandhom l-għan li jipprovdu integrazzjoni aktar profonda u sistematika tal-aspetti tad-drittijiet tal-bniedem u tal-ġeneru u jkomplu jippromwovu b'mod attiv rappreżentanza akbar tan-nisa fil-missjonijiet tal-PSDK fil-livelli kollha, u għal dan il-għan jistiednu lis-SEAE biex jiżviluppa strateġija u pjan ta' azzjoni dedikati;
- Skont l-approċċ integrat tal-UE, l-isforzi jkomplu jsaħħu s-sinerġiji u l-komplementarjetà bejn id-dimensjoni ċivili u dik militari tal-PSDK, filwaqt li jirrispettaw ir-rwoli u l-linji ta' kmand distintivi tagħhom, inkluż permezz tal-ħidma lejn l-implimentazzjoni tat-tagħlimiet ewlenin kollha identifikati mill-kriżi tal-COVID-19;
- Bl-istess mod, l-Istati Membri, is-SEAE u s-servizzi tal-Kummissjoni jrawmu kooperazzjoni u sinerġiji aktar mill-qrib ta' tisħiħ reċiproku bejn il-PSDK ċivili, l-atturi tal-ĠAI (inkluż il-ministeri, l-aġenziji u l-gruppi ta' ħidma tal-Kunsill rilevanti), kif ukoll mas-servizzi tal-Kummissjoni, f'konformità mal-mandati legali rispettivi tagħhom, inkluż bit-tisħiħ tal-għarfien espert relatat mal-ĠAI fi ħdan l-istrutturi rilevanti tal-PSDK, bil-possibbiltà li jintużaw kunċetti ta' timijiet speċjalizzati u ta' esperti fuq żjara u li jiġu esplorati l-modalitajiet possibbli għall-involviment tas-servizzi tal-Kummissjoni u l-atturi tal-ĠAI fil-konsultazzjonijiet. Il-mini-kunċetti jiffurmaw il-bażi għal rispons usa' biex jiġu indirizzati l-isfidi għas-sigurtà kif stipulat fil-Patt dwar id-Dimensjoni Ċivili tal-PSDK permezz ta' linji ġodda ta' operazzjonijiet jew proġetti pilota u jintużaw ukoll bħala kontribut għall-ippjanar strateġiku u operazzjonali, fejn rilevanti u adatt;

- Permezz ta' komunikazzjoni strateġika, l-Istati Membri u s-SEAE ser ikompli jsaħħu l-viżibbiltà tal-PSDK ċivili biex joħlqu sensibilizzazzjoni u jiksbu appoġġ kemm fil-livell tal-UE kif ukoll f'dak nazzjonali inkluż fost l-awtoritajiet nazzjonali rilevanti, bħall-parlamenti u l-ministeri kompetenti u l-aġenziji.

10. Il-Kunsill jitlob aġġornamenti perjodiċi dwar il-progress biex jittieħed kont tal-progress li jkun sar.
